MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1370/2004

**Avviz Numru 1370/04 AJD**

**Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tal-*portfolio* tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal--assikurat Nicholas Cachia u l-istess Nicholas Cachia**

**vs**

**Roberto Pirrone**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm378.78) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Novembru 2003 f'Birkirkara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBA 956 misjuqa mill-attur u

assikurata mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK 546 misjuqa mill-konvenut.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Marzu 2004 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax pagabbli mill-24 ta' Marzu 2004, konrtra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
Illi huwa ma jahtix ghall-incident mertu tal-kawza.
Id-danni huma wkoll kontestati, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont indikat bhala dovut huwa esagerat.
Bl-ispejjes jithallsu mill-attur.
Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbali tas-seduti tat-12 ta' Mejju 2005 u tas-6 ta' Gunju 2005 fejn sar qbil bejn il-partijiet li din il-kawza tinstema' kontestwalment mal-kawza bl-Avviz numru 1642/04 u li l-provi ghandhom jghoddu u japplikaw ghaz-zewg kawzi u dan peress li z-zewg kawzi jirrigwardaw l-istess incident awtomobilistiku.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Spira Cachia, Melvin Cachia, Joe Mula, ta' PS 1122 Arthur Rizzo u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Novembru 2003 fi Triq Papa Urbanus VIII ma' Triq it-Tabib Zammit, B'Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBA 956 misjuqa mill-attur Nicholas Cachia u assikurat taht polza tat-tip comprehensive mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAK 546 misjuqa mill-konvenut.

Iz-zewg vetturi kienu t-tnejn hiergin minn triq lateralli ghal fuq it-triq principali, l-attur Nicholas Cachia kien hiereg minn Pope Urbanus Street ghal fuq Naxxar Road filwaqt li l-konvenut kien hiereg ghal fuq Naxxar Road izda minn Triq it-Tabib Zammit. Iz-zewg toroq laterali huma bejn wiehed u iehor faccata ta’ xulxin. Nicholas Cachia jghid li huwa hares fuq il-main road ghal traffiku gej min-naha tal-lemin tieghu meta gie l-konvenut min-naha tax-xellug tieghu u sehh l-impatt. Il-konvenut jghid li huwa kien hiereg minn Triq it-Tabib Zammit, ra l-vettura ta’ Cachia hierga minn Pope Urbanus Street bis-sewwieq ihares lejn il-lemin, daqlu l-*horn*, waqaf izda sehh l-impatt. Il-hsara fil-vettura ta’ Cachia kienet man-naha tax-xellug, mill-*mudguard* lura, filwaqt li fil-vettura tal-konvenut il-hsara kienet fil-kantuniera ta’ quddiem man-naha tal-lemin.

It-Tribunal jidhirlu li z-zewg sewwieqa involuti fl-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza kienu t-tnejn li huma responsabbli ghall-incident u dan fi kwoti indaqs bejniethom. Huma kienu t-tnejn hiergin minn triq laterali ghal fuq triq principali u t-tnejn naqsu milli jesploraw adegwatametn it-triq qabel ma hargu ghal fuq il-main road. L-obbligu ta’ *side road user* m’huwiex biss li jzomm *a proper lookout* ghal traffiku iehor li jkun qed jiprocedi fuq il-*main road* izda anki li jaraw traffiku iehor li jkun hiereg ghal fuq il-*main road* iminn toroq laterali ohrajn. Mill-provi rrizluta inekwivokabilment li l-attur Nicholas Cachia naqas minn dan l-obblligu ghaliex huwa stess jghid li hares biss lejn il-lemin qabel ma hareg u huwa ghalhekk naqas milli jesplora t-triq ghal traffiku gej min-naha tax-xellug tieghu, u cioe’ minn fejn kien hiereg il-konvenut. Il-konvenut mn-naha l-ohra, ghalkemm quddiem it-Tribunal xehed li kien wieqaf fil-mument tal-impatt, a tempo vergine, u skond kif jirrizulta mill-verzjoni riportata fir-Road Accident Report, qal li huwa kien hiereg minn Triq Zammit meta brejkja u habat mal-vettura ta’ Cachia li kient hierga minn Triq Pope Urbanus. Dan jindika li l-konvenut baqa’ hiereg minn Triq Zammit u brejkja biss fil-mument li ra lill-konvenut hiereg minn Triq Papa Urbanus. Li kieku huwa waqaf fit-tarf ta’ Triq Zammit u esplora adegwatament it-triq qabel ma hareg l-incident de quo ma kienx isehh.

Iz-zewg sewweiqa nvoluti fl-incident de quo kienu t-tnejn negligenti fis-sewqan taghhom u huma ghalhekk kienu t-tnejn responsabbli ghall-istess incident u dan fi kwoti ndaqs bejniethom.

L-atturi resqu provi soddisfacenti in kwantu jirrigwarda l-quantum tad-danni minnhom reklamat, liema danni jidher li huma perfettament kompatibblil mad-dinamika tal-incident u bl-ebda mod ma rrizulta li l-atturi naqsu mill-obbligu taghhom ta’ danneggjati, u cioe’ dak li jimminimizzaw id-danni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm189.39) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dan l-ammont ta’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm189.39), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ipejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fl-24 ta’ Marzu 2004 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------